**10 ta' Jannar 1964**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir. Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. T. Gouder, LL.D.**

**Onor. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Paolo Mallia

*versus*

Annetto Xuereb Montebello

ANNIMALI — RISPONSABILITA' TAL-PROPRIETARJU TA' ANNIMALI GĦAD-DANNI

*L-art. 1083 tal-Kodiċi Ċivili hu applikabbili għall'annimali kollha li jistgħu ikunu obbjett ta' proprieta'.*

*Il-ħtija tal-proprietarju tal-annimal hi presunta però din hi*

*presunzjoni "juris tantum" u mhux "juris et de jure".*

*Minn jinvoka r-responsabilità li minna jitratta ċ-ċitat art. 1083 irid jipprova li kien proprju l'annimal tal-konvenut li kkaġuna d-dannu li tiegħu qiegħed jitlob ir-risarċiment.*

*Meta d-danni jiġu kaġunati bi ħtija ta' tnejn minn nies jew iżied. Meta l-obbligazjoni tagħhom hi solidali.*

*Il-Qorti:*—Rat l-att taċ-ċitazjoni quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maesta Tagħha r-Reġina li bih l-attur wara li ppremetta illi l-ħamiem proprjeta tal-konvenut għamlu u qegħdin jagħmlu, ħsara fil-prodotti (żergħa, pjanti u frott) fl-għalqa tiegħu fil-limiti ta' Ħaż-Żabbar, u illi l-konvenut, għalkemm avżat diversi drabi, naqas li jieħu ħsieb sabiex jevita dina l-ħsara — talab li — premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti neċessari: (i) dawn id-danni jiġu likwidati okkorrendo permezz ta' periti nominandi, u (ii) il-konvenut jiġi kkundannat iħallas lilu, bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza, in rifuzjoni ta' dawn id-danni, dik is-somma li tiġi hekk likwidata. Bl-ispejjeż kompriżi ħames xelini tal-ittra nterpellatorja.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha nnega li l-ħamiem tiegħu għamlu danni lill-attur u ssottometta li f'kull każ, hu ma kien ħati ta' ebda negliġenza li fuqha tista tiġi bażata azzjoni ta' danni.

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija fit-tnax (12) ta' Novembru, 1962, mill-Qorti fuq indikata, li biha ġiet deċiza l-kwistjoni dwar ir-responsabilita tad-danni reklamati mill-attur billi l-konvenut ġie dikjarat responsabbli ta l-istess danni fl-interezza tagħhom bejn l-attur, *salv kull dritt tiegħu ta' regress kontra oħrajn jekk u skond il-liġi*, bl-ispejjez sa

allura inkorsi għall-istess konvenut.

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut u l-petizzjoni tiegħu għar-revoka ta' l-imsemmija sentenza, billi jiġi, inveċe, dikjarat illi hu mhux responsabbli għad-danni reklamati mill-attur kontra tiegħu u għalekk jiġu miċħuda d-domandi magħmula fl-att ta' ċitazjoni, bl-ispejjeż tażżewġ istanzi kontra l-istess attur.

Rat ir-risposta ta' l-attur appellat li biha ssottometta illi l-aggravji ndikati mill-appellant huma nfondati, billi, apparti raġunijiet oħra, ġie sodisfaċentement pruvat illi l-ħamiem li kkaġunaw danni lilu jappartienu lill-appellant.

Rat l-attijiet l-oħra kollha tal-kawża.

Semgħet id-difensuri tal-kontendenti.

Ikkunsidrat:

Kif del resto ġa osservat l-ewwel Qorti l-azzjoni ta' l-attur hi manifestament fondata fuq id-disposizzjoni ta' l-artikolu 1083 tal-Kodiċi Ċivili li hi tat-tenur segwenti: "Is-sid ta' animal jew il-persuna li tagħmel użu min animal għaż-żmien li tagħmel użu minnu, iwieġbu għal-ħsara li dak l-animal jikkaġuna sew jekk ikun jinsab taħt idejhom kemm jekk ikun intilef jew ħarab." Dana l-artikolu, billi ma jiddistingwiex, hu applikabbli għall-animali kollha li jistgħu jkunu obbjett ta' dritt ta' proprjeta, kwindi għall-animali domestiċi u anke għal-bestji feroċi meta dawn ikunu l-oġġett ta' proprjeta privata, per eżempju dawk ta' serrall, u fost id-domestiċi huma kompriżi innaħal, l-għasafar u l-ħamiem, u dawn qegħdin partikolar-

ment jissemmew għaliex trattasi fil-każ ta' dannu allegatament ikkaġunat lill-agrikultura min ħamiem u ma tonqosx xi sentenza fil-ġurisprudenza estera li rriteniet il l-ħamiem mhumiex dannużi għal agrikultura jew almenu li d-dannu zgħir li huma jistgħu jagħmlu lill-uċuħ hu kompensat bl-utilita' li jarrekaw lill-fond meta jpoġġu fuqu u allura dak id-dannu hekk zgħir ma jkunx valutabbili u kwindi mhux risarċibbili, pero hi wisq iktar accettata l-fehma kuntrarja fis-sens li l-ħamiem jistgħu jagħmlu dannu notevoli speċjalment fiż-żmien taż-żrieħ u tar-rakkolta u kien għalhekk li fi Franċia, bid-digriet ta' l-erba (4) ta' Awwissu, 1759, kien ġie stabbilit li l-ħamiem jinżamm magħluq f'ċerti epoki fissi u kull min f'dawn iż-żminijiet isib ħamiem fil-fond tiegħu kellu d-dritt joqtolhom.

Din ir-responsabbilita tal-proprjetarju ta' l-animal jew ta' dak li jkun qiegħed jagħmel użu minnu hi bażata fuq presunzzjoni ta' ħtija "in vigilando" jew "in custodiendo". Min għandu animal jew min jisserva b'animal hu tenut li jissorveljah biex jimpedixxi li jagħmel deni u konsegwentement jekk dan l-animal jikkaġuna dannu hu verosimili li kien hemm nuqqas ta' viġilanza da parti tal-proprjetarju jew da parti ta' min kien qiegħed, f'dak il-ħin, jisserva bih. Il-liġi tippreżumi kwindi li kien hemm nuqqas ta' sorveljanza u ta' kustodja da parti ta' sidu jew ta disattenzzjoni jew inkurja ta' min kien qiegħed jisserva bih, u kwindi ta' ħtija, il għaliex mingħajr ħtija ma jistax ikun hemm responsabilita.

Min jaġixxi għad-danni u interessi m'għandux kwindi jipprova l-ħtija tal-proprijetarju jew ta min kien qiegħed jisserva bl-animal, għaliex din il-ħtija hi presunta pero din il-presunzzjoni mhix min dawk li ma tammettiex il-prova kuntrarja, imma l-konvenut jista biss jeħles bil-prova tal-

każ fortwitu jew tal-forża maġġuri jew tal-ħtija ta' min ikun sofra d-dannu. Inoltri, min jinvoka r-responsabilita li minna jittratta iċ-ċitat artikolu 1083, irid neċessarjament jipprova illi kien proprju l-animal tal-konvenut li kkaġuna d-dannu li tiegħu ikun jitlob ir-risarċiment. Ingħad min issa, pero, li din il-prova tista tirriżulta anke min presunzzjonijiet meta dawn ikunu gravi, preċizi u konkordanti.

L-ewwel Qorti, fis-sentenza tagħha fuq riferita waslet għal-konklużjoni li anke jekk kien hemm ħamiem ta' ħaddieħor — fil-każ preżenti ta' oħt il-konvenut — u mqarr ukoll ta' ħaddieħor — li kkaġunaw anke huma ħsara, ġie, pero suffiċientement pruvat li anke il-ħamiem tal-konvenut ittajjar u niżel fl-għalqa ta' l-attur meta dina kienet miżruha bil-prodott imsemmi fl-att ta' ċitazjoni u kien fost dawk li kkaġunaw ħsara lil dak il-prodott, u għalhekk, u peress li ma setgħatx tiġi stabbilita l-biċċa tal-ħsara kaġunata mil-ħamiem tal-konvenut u dik kaġunata mil-ħamiem ta' ħaddieħor — jekk tassew ma kienx kollu tal-konvenut — iddikjarat l-istess konvenut responsabbli tad-dannu fl-interezza tiegħu, salv id-dritt tiegħu ta' regress kontra oħrajn jekk u skond il-liġi, u dan konformement għal dak li hemm maħsub u li jingħad fl-artikolu 1093 ta' l-istess Kodiċi ċitat, iġifieri li "jekk il-biċċa ħsara li kull wieħed ikun ikkaġuna ma tkunx tista tiġi stabbilita, min ikun bata l-ħsara jitlob il-ħlas tal-ħsara kollha mingħand kull min irid min dawk li jkunu ħadu sehem fiha, ukoll jekk ilkoll jew xi whud minnhom ma jkunx imxew dolosament, bla preġudizzju tal-jedd tal-konvenut li jdur kontra l-ieħor jew l-oħrajn."

Biex isostni l-appell li pproduċa kontra din is-sentenza l-konvenut jadduċi in sostanza dawn il-motivi.

1) Li tonqos il-prova ċara u konvinċenti li l-ħamiem tiegħu għamel ħsara. Ma hemmx prova, imma biss suspett, hu jgħid, li l-ħamiem tiegħu niżlu fl-għalqa ta' l-attur, u jekk hemm il-prova li jttajru ma ħamiem ieħor u anke niżlu fl-għalqa ta' l-attur, dana lanqas ma hu biżżejjed għaliex — hu jgħid — irid ikun hemm l-indentifikazzjoni ċara u kategorika li l-ħsara saret mil-ħamiem tiegħu jew almenu li anke l-ħamiem tiegħu għamel ħsara.

2) Li, fil-każ li jista jiġi ritenut li anke l-ħamiem tiegħu għamlu ħsara flimkien ma ħamiem ta' ħaddieħor, hu ma setax jiġi kundannat solidalment għal-ħsara kollha skond iċ-ċitat artikolu 1093 għaliex dana l-artikolu mhux applikabbili għal ħsara kaġunata min animal jew għal dik kaġunata min ħwejjeġ li jkunu fil-kustodja jew għall-fatt ta' ħadieħor imma biss għar-responsabilita għal-fatt proprju u dana huwa jgħid li jargomentah mil-fonfront ta' l-imsemmi artikolu 1093 ma l-artikolu ta' qabel u in sostenn ta' l-istess argument hu nvoka l-artikoli 1302 u 1304 tal-Kodiċi Awstrijaku li minnhom skond in-notamenti ta' Sir Adrian Dingli ġew meħuda d-disposizzjonijiet kontenuti fl-artikolu 1093 tal-Kodiċi tagħna.

Fuq l-ewwel motiv ta' aggravju:

Jiswa l-ewwelnett li jiġi rilevat li l-konvenut joqgħod fl-istess dar ma' l-imsemmija oħtu Beatrice u jgħixu flimkien għas-spejjez komuni; anzi, kif xehdet l-istess Beatrice, in-nefqa għal-ħajja issir mir-rendita tagħha. Żmien ilu hu qala par ħamiem u dawn kellhom par bċiċen li hu żamm, imma ma ridtx iżomm oħrajn li faqsu wara; pero oħtu ridet iżżommhom u żammithom hija, u hekk ġara — skond ix-xhieda tal-konvenut u ta' oħtu — li l-konvenut baqa b'żewġ pari ħamiem u oħtu, fiż-żmien li ġrat

il-ħsara lamenta ta' l-att ta' ċitazjoni, kellha xi għoxrin par. L-ikel għall-ħamiem kollu kienet tixtrieħ Beatrice; pero ġie li xtraħ il-konvenut, u, f'kull każ, kien iservi għall-ħamiem tat-tnejn.

Issa, l-istess Beatrice xehdet — u dana qalu wkoll il-konvenut — li dawn il-ħamiem — tagħha u tal-konvenut — kienu jittajru; jidħlu fid-dar, u jkunu fil-ġnien li għandhom mad-dar li hu gbir, u dejjem kienu jittajru u qatt ma sakkruhom ġewwa u iktar il-quddiem qalet li tant tagħha kemm ta ħuha (il-konvenut) kienu jittajru flimkien. L-attur xhed li meta kien jara ħamiem inaqqarlu l-qarabali fl-għalqa tiegħu li tmiss mal-bitħa taddar tal-konvenut, u kien ikeċċihom, dawn il-ħamiem kienu jmorru għand il-konvenut, fuq il-loġġa u t-twieqi tad-dar tiegħu. Paolo Grech, ħaten l-attur, u oħtu Carmela — it-tnejn joqgħodu mal-attur — xhedu li spiss kienu jaraw fl-għalqa ta' l-attur ħamiem jaqla x-xitel tal-qarabali meta kien qiegħed jinbet, u kienu jkeċċuhom u kienu jtiru għal għand il-konvenut. Mart l-attur xhedet li kienet tara ħamiem fl-għalqa tagħhom inaqqru ż-żerriegħa tal-qarabali u meta hi jew oħta kienu jkeċċuh kien imur fuq il-bejt u fuq it-tieqa tal-post fejn joqgħod il-konvenut Carmelo Briffa, li joqgħod viċin tal-kontendenti, xhed li sa Mejju jew April tal-1956 il-konvenut kellu xi ħamiem li kien jittajjar u mbagħad għalqu u li xi ftit min dak il-ħamiem kien jinżillu fl-għalqa u meta kien ikeċċieh kien itir sia mil-għalqa tiegħu u sia mill-għalqa ta' ħdejha u kien jiġbed lejn il-post tal-konvenut xi wħud kienu jmorru fuq is-siġar tal-konvenut; xi wħud fuq il-bjut, u oħrajn fil-loġġa tiegħu u, fl-aħħarnett, Carmelo Ellul, li għandu l-għalqa tiegħu tmiss in parti ma dik ta' l-attur u in parti mal post tal-konvenut, xehed li meta kien ikeċċi xi ħamiem li kien isib fl-għalqa tiegħu, dawna kienu jmorru lejn il-post tal-konvenut. Irriżulta kwindi pruvat li mil-

post tal-konvenut kienu jittajru ħamiem għal ġo l-għalqa ta' l-attur u li dawn il-ħamiem kienu jinżlu f'din l-għalqa u jnaqqru ix-xitel tal-qarabali li l-attur kellu miżruħ fiha; u mix-xhieda ta' Pietro Vella li kien ġie msejjaħ mil-attur biex jikkonstata l-ħsara f'dawk ix-xtili ta' qarabali, jirriżulta li tabilħaqq il-ħamiem għamlu ħsara f'dawk ix-xtili. Dana Vella, difatti, xehed li l-ħsara li ra ma setgħatx ġrat b'xi dud imma kienet kaġonata mil-ħamiem u mhux min għasafar tal-bejta għaliex l-għasfur tal-bejta ftit jiddistruġġi u qatt ma jista jikkaġuna dik id-distruzzjoni li hu ra fl-għalqa ta' l-attur, u l-għasfur jista jqaċċat pjanta, imma ftit u mhux b'munqaru. Spiċċa biex qal li fil-ħsara li ra seta kien hemm xi pjanta jew tnejn fil-mija distrutti mill-għasafar.

Issa, kif ġia ġie rilevat, il-konvenut jippretendi illi hu għandu żewġ pari biss ħamiem u li l-oħrajn huma ta oħtu u li jekk il-ħamiem li jittajru mil-post fejn hu joqgħod ikkaġunaw ħsara fil-prodott fuq imsemmi li kien hemm fl-għalqa ta' l-attur, dawk il-ħamiem kienu ta' oħtu u mhux iż-żewġ pari tiegħu u in sostenn ta' dina l-allegazzjoni tiegħu jadduċi bħala prova l-fatt li meta, in segwitu għal-lamenti ta' l-attur, oħtu għalqet il-ħamiem tagħha wara "wire netting", fil-waqt li tiegħu baqgħu barra, l-attur ma lmentax iktar min ħsara.

Tabilħaqq jirriżulta mix-xhieda ta' l-attur li minn mindu tqiegħed l-imsemmi "wire netting" il-ħamiem ma baqgħux jittajru għal ġo l-għalqa tiegħu u anke l-imsemmi Carmelo Briffa xehed li minn mindu l-ħamiem ġie magħluq, ħamiem aktar ma marrux fl-għalqa tiegħu, u mill-istess xhieda jirriżulta li tassew, wara li ġie mqiegħed l-imsemmi "wire netting", baqgħu l-barra minnu, iġifieri mhux magħluqin, xi tnejn jew tlett ħamimiet u li dawn

dejjem baqgħu fil-post tal-konvenut.

Imma — u apparti l-kwistjoni jekk tassew il-ħamiem kienx in parti (erba pari biss) tal-konvenut u in parti (ċirka għoxrin par) ta' oħtu — din iċ-ċirkostanza li l-erbgħa ħamimiet li baqgħu liberi wara l-għeluq ta' l-oħrajn permezz ta "wire netting" kienu jibqgħu fil-post ta' l-attur mingħajr ma jittajru għal fuq l-egħlieqi viċini, ma tistax tiġġjova lil-konvenut bħala prova li meta l-ħamiem kollu kienu liberi u kien ikunu lkoll flimkien, fil-waqt li l-għoxrin par ta' oħtu kienu jittajru u jmorru fl-għelieqi tal-attur u tal-viċini, iż-żewġ pari tiegħu kienu jibqgħu waħedhom fil-post fejn kienu jkunu jittajru ma l-oħrajn, il-għaliex hu risaput li l-ħamiem jittajru f'titjira waħda serrata, i[illegible]ri meta jkunu solitament flimkien u jittajru flimkien, [illegible] flimkien kienu jkunu u jittajru tiegħu u ta' oħtu — u dan, kif ġia ntqal, jirriżulta mid-deposizzjoni ta' dawna — jittajru lkoll u flimkien f'direzzjoni waħda, u meta l-kotra ma ttirx ma jtirux waħedhom fil-bogħod tnejn jew tlieta kienet ħaġa wisq naturali kwindi li jekk meta ġew magħluqa wara "wire netting" dawk ta' oħt il-konvenut iż-żewġ pari tiegħu baqgħu fil-post u ma ttajrux waħedhom.

Del resto anke mix-xhieda tal-konvenut u ta' oħtu rrizulta li l-ħamiem tal-konvenut kienu ttajru flimkien ma ta' oħtu oltre l-post tal-konvenut, u, difatti. meta l-attur ilmenta mal-konvenut li l-ħamiem kienu qegħdin jagħmlulu ħsara fl-għalqa, il-konvenut ma qallux li tiegħu ma kienx joħroġ mil-post imma, inveċe, irrispondih bl-interrogazjoni "xi tridni ngħamel bih?" u oħt il-konvenut ikkonffessat li qalet lill-attur, meta dan mar biex jilmenta dwar l-imsemmija ħsara: "Mhux tagħna biss il-ħamiem jiġi" u qalet li qaltlu wkoll: "Tagħna rajt?" Hu veru li

l-konvenut xehed li ma qalx lill-attur li l-ħamiem kienu ta' oħtu għaliex kien q'egħed jitkellem fuq il-ħamiem tiegħu; imma, appuntu għaliex kien qed jitkellem fuq il ħamiem tiegħu u mhux fuq dawk ta' oħtu, ma kienx jirrispondi bl-interogazzjoni "xi tridni ngħamel bih?" kieku ma kienx ċert li anke tiegħu kien jittajjar barra min postu.

L-eżami akkurat tal-fatti u taċ-ċirkostanzi rikordati għandu, skond il-loġika tagħhom u l-prinċipji tar-raġuni naturali, iwassal għal dik iċ-ċertezza morali li hi rikjesta biex fl-ordni prattiku jiġi pronunċjat li anke l-ħamiem tal-konvenut kien fost dawk li kkaġunaw ħsara fil-prodott ta' l-attur imsemmi fl-att ta' ċitazjoni.

Fuq it-tieni motiv:

Il-konvenut jissottometti illi l-artikolu 1093 hu konness ma l-artikolu preċedenti li jiddisponi illi "meta tnejn min-nies jew iżjed ikunu dolosament għamlu ħsara, l-obbligazzjoni tagħhom għal-ħlas ta' dik il-ħsara hija "in solidum" u "meta xi wħud min dawn ikunu mxew dolosament u oħrajn le, dawk ta' l-ewwel huma kollha obbligati "in solidum", u kull wieħed mill-oħrajn huwa obbligat biss għal dik il-biċċa tal-ħsara li huwa nnifsu jkun ikkaġuna", u li ż-żewġ artikoli jitkellmu biss fuq ir-responsabilita diretta ta' persuni li kkaġunaw il-ħsara u li l-każ tar-responsabilita ndiretta mhux previst ġo fihom, u li, kwindi, mhix prevista r-responsabilita għal-ħsara kaġunata min animal skond id-disposizzjoni tal-liġi fuq imsemmija. In sostenn ta' dina l-allegazzjoni tiegħu l-appellant jinvoka l-interpretazzjoni li għanda tiġi mogħtija lill-artikoli 1302 u 1304 tal-Kodiċi Ċivili Awstrijaku li minnhom, skond in-notamenti ta' Sir Adrian Dingli; huwa jgħid ġew meħuda l-artikoli 1092 u 1093 tal-Kodiċi tagħna.

Riferibilment għall-interpretazzjoni li tista tiġi mogħtija lil-imsemmijin artikoli 1302 u 1304 tal-Kodiċi Ċivili Awstrijaku, jingħad li dina ma tistax ikun ta' għajnuna għall-interpretazzjoni ta' l-artikoli tal-Kodiċi tagħna, ossija aħjar li jkun wisq imprudenti li wieħed jirrikorri għal dik l-interpretazzjoni biex jagħti dawl biha għal-formula adoperata fl-artikoli tal-liġi tagħna. u dan għaliex, l-ewwelnett, sebbene huwa veru li fin-notamenti ta' Sir Adrian Dingli hemm referenza għall-imsemmijin artikoli tal-Kodiċi Awstrijaku, iżda f'dawk in-notamenti jingħad ukoll li hemm differenzi serji bejn dawk l-artikoli u l-artikoli tal-liġi tagħna. In-notament ta' Sir Adrian Dingli hu, difatti, f'dan is-sens: "Per questo e il seguenti articolo (articoli 755 u 756 ta' l-Ordinanza VII tal-1868, korrispondenti għall artikoli 1092 u 1093 tal-Kodici Civili) v. Austriaco 1302 e 1034 con serie differenze." Imbagħad, l-artikolu 1302 tal-Kodiċi Ċivili Awstrijaku hu konness ma l-artikolu anteċedenti ta' dak l-istess Kodiċi li mhux riprodott fil-Kodiċi tagħna kif hu formulat fil-Kodiċi Awstrijaku u ċertament mhux qiegħed immedjatament qabel l-artikolu 1092 tal-Kodiċi tagħna imma wisq iktar il-fuq u ċertament m'għandux l-artikolu 1092 konness miegħu.

Skond il-liġi, kull delitt — fatt illeċitu, volontarju jew dolus — u kull kważi delitt — fatt illeċitu, volontarju u kolpuż — jobbligaw l-awtur tagħhom għar-risarċiment tad-dannu kaġonat. Ir-responsabilita proċedenti min kważi delitt hi applikata lil ċerti persuni determinati għad-dannu arrekat jew min persuni dipendenti minnhom jew min ħwejjeġ li jkunu fil-poter tagħhom — responsabilita li komunement tissejjaħ indiretta, bażata fuq presunzjoni ta' kolpa. Hi applikata wkoll anke f'dan il-każ bi presunzzjoni ta' kolpa lill-proprjetarju ta' animal u lil dak li jkun qiegħed jisserva bih għad-dannu li dana l-animal jik-

kaġuna. Fl-artikoli 1088, 1089 u 1090 il-liġi titkellem fuq il-konsistenza u l-miżura tad-danni u fl-artikoli 1092 u 1093 tistabbilixxi n-natura ta din l-obbligazzjoni għar-risarċiment ta' dawk id-danni meta dawna jkunu ġew kaġonati dolosament jew bi ħtija ta' tnejn min-nies jew iżjed. Meta tnejn min-nies jew iżjed — jgħid l-artikolu 1092 (1) — ikunu dolosament għamlu ħsara, iġifieri f'każ ta' delitt imputabili lill-tnejn min-nies jew iżjed, l-obbligazzjoni tagħhom hija solidali. Jekk xi wħud ikunu mxew dolosament u oħrajn le, dawk ta' l-ewwel, iġifieri dawk li lilhom ikun imputabbili delitt huma kollha obbligati "in solidum" (1092 (2) ) konferament għar-regola sanċita fl-inċis ta' qabel. Kull wieħed mill-oħrajn hu obbligat biss għal dik il-biċċa tal-ħsara li huwa nnifsu jkun kkaġuna. iġifieri ma hemmx solidarieta bejniethom, fi kliem ieħor meta mhux delitt imma kwasi delitt, iġifieri fatt illeċitu volontarju u kolpuż, hu mputabili lil tnejn min-nies jew iżjed, anke f'każ ta' kolpa presunta, għaliex il-liġi ma tiddistingwiex u allura mhux leċitu li d-distenzzjoni nagħmluha aħna, dawna mhumiex tenuti "in solidum" għar-risarċiment tad-dannu kaġonat; imma jekk il-biċċa tal-ħsara li kull wieħed ikun ikkaġuna ma tkunx tista tiġi stabbilita, min ikun bata l-ħsara jista jitlob il-ħlas tal-ħsara kollha mingħand min irid min dawk li ikunu hadu sehem fiha, ukoll jekk ilkoll jew xi wħud minnhom ma kienx imxew dolosament, bla preġudizzju tal-jedd tal-konvenut li jdur kontra l-ieħor jew l-oħrajn. iġifieri, f'dan il-każ, bħal dak preżenti, salv ir-regress, ir-responsabilita ta' kull wieħed li jkun ikkontribwixxa għad-dannu hi solidali; imma, kif osservat l-ewwel Qorti il-konvenut jista jitlob li dawk kollha li jkunu kkaġunaw il-ħsara jiġu msejħa fil-kawża u l-Qorti tista tqassam fuq kull wieħed minnhom is-somma meħtieġa għall-ħlas tal-ħsara f'isħma indaqs jew mhux indaqs, skond iċ-ċirkostanzi — talba li l-konvenut ma għamilx,

iżda dejjem bla pregudizzju tad-dritt tal-vittimali jitlob il-ħlas tas-somma kollha mingħand kull min irid minnhom u ċawn lejh jiġu lkoll kundannati "in solidum".

Lanqas ma hu kwindi fondat it-tieni motiv ta' aggravju li l-appellant ipproduċa kontra s-sentenza denunċjata.

Għall-motivi premessi:

Tirrispinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza denunċjata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellant, u tordna li l-atti tal-kawża jiġu mibgħutin lura lill-ewwel Qorti biex titkompla t-trattazzjoni ta' l-istess kawża.